# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 08

25 ta' Jannar, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.17pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Francis Galea – Kunsilliera
Franco Bajada – Kunsillier
Marija Cassar Sultana - Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 08

08.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 07
08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku
08.4 Attivitajiet
08.5 Komunikazzjoni
08.6 Ilmenti u suġġerimenti
08.7 Skeda tal-pagamenti
08.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 08.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

08.1.1 Il-kunsilliera Maria Cassar bagħtet komunikazzjoni mas-Sindku li qiegħda mat-triq lejn l-uffiċċju tal-kunsill.

## 08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 07

08.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.07. Is-segretarja eżekuttiva bagħtet l-minuti tal-laqgħa Nru 07 lill-kunsilliera. Il-kunsilliera Galea qalet li ll-minuti tal-laqgħa preċedenti ma' laħqitx rathom. Is-segretarja eżekuttiva qrat il-minuti tal-laqgħa numru 07 għal-benefiċċju tal-kunsilliera.

08.2.2 14.20 daħlet il-kunsilliera Cassar Sultana

08.2.3 Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 08.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

08.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal li sar l-ewwel kisja ta' asfaltar ta' Triq Paranji. Kien hemm xi persuni li lmentaw li hemm xi partijiet tat-triq li l-asfaltar qed jinqala'. Il-perit tal-kunsill mar fuq il-post u assigura li mhemmx lok għal-alarm. Hu qal li fejn hemm maqlugh, hemmhekk ġejjin il-*manholes* għax il-kuntrattur għamel pjanċa tal-ħadid biex ikunu jistgħu jibqgħu għaddejjin. L-importanti huwa illi l-*wearing course* jiġifieri t-tieni kisja jsir ix-xogħol sewwa. Is-sindku semma wkoll li għaddew xi karozzi mil-ewwel, avolja t-triq kienet magħluqa. Il-kunsillier Bajada qal li r-residenti huma ftit inkwetati fuq dawn ix-xogħlijiet, imma s-sindku qal li l-perit ta l-assigurazzjoni tiegħu. Is-segretarja eżekuttiva talbet kjarifika rigward xi ilma li kien qed iżomm f nofs it-triq, bis-sindku jwieġeb li ġew ħaddiema tal-*Water Works* u ikkonfermaw li ma kienx hemm problema ta' *leakage* t'ilma. Semma wkoll li wara li jsir il-*wearing course* jsiru sinjali tad-*double yellow* line fejn tidjieq it-triq.

08.3.2 Fuq triq Xamgħan, il-kuntrattur lesta s-servizzi kollha minn taħt l-art, biex issa jistennew il-kuntrattur l-ieħor biex ikun jista' jqaxxar it-triq, jagħmel il-*concrete gutter* u eventwalment jagħti l-ewwel kisja ta' asfaltar. Is-sindku qal li m'għandux id-data ta' meta se jibda x-xogħol. Huwa maħsub li t-tieni kisja tingħata iktar il-quddiem, peress li għaddej xi xogħol ta' kostruzzjoni n-naħa ta' wara tat-triq. Importanti li meta se jsir it-tarmak it-trakkijiet il-kbar ma jgħaddux minn din it-triq għal ġimgħa sħiħa, għax jagħmlu l-ħsara fl-asfaltar. Is-

segretarja eżekuttiva qalet li mportanti li bħala kunsill ikunu nfurmati meta se jibdew ix-xogħlijiet u se jinfurmaw li jiġu avżati kuntratturi minn issa fuq dan l-arranġament.

08.3.3 Fuq Kalkara tal-Ġir, l-SCH għamlu *site visit* illum stess. Dawn qed jimmarkaw ġebla ġebla li għadha triq tinqala' u tinbidel għax hekk hija l-prassi kif jaħdmu l-SCH. Is-segretarja eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li hemm ħafna ġebel mikul bil-melħ minn naħa ta' wara li mhux immarkat biex jinbidel. Is-sindku għamilha ċar mal-perit li mportanti li l-proġett jitlesta kemm jista' jkun malajr, għax qed jimpatta l-possibiltà ta' fondi oħra li l-kunsill jista' jibbenifika minnhom. Is-segretarja eżekuttiva qalet li peress li għadda ħafna żmien, l-ispiża se tkun ikbar mit-tender oriġinali, u anki hawn, is-sindku qal li issa jridu jinbidlu aktar ġebel peress li l-melħ żdied.

08.3.4 Rigward il-*playing field* ta' Triq Marziena, is-sindku qal li l-kunsill għandu *issue* mal-kuntrattur, peress li qed jirrifjuta klawsola li hemm fil-kuntratt u issa ma jridx jibda xogħlijiet. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kuntrattur u s-sindku kienu iltaqgħu fuq il-post, u tkellmu fuq il-preparamenti li jridu jsiru ha jibdew ix-xogħlijiet ta' bazi taħt l-*playing equipment*. Xħin il-kuntrattur bagħat l-agenda tax-xogħlijiet, innutaw li x-xogħlijiet ta' bażi, dejjem skond il-kuntrattur, iridu jsiru mill-kunsill. Però kif hemm miktub fit-*tender* document, hemm klawsola specifika li tgħid li din hi responsabilta' tal-kuntrattur. Is-sindku kkonferma li l-kuntrattur qal li għandu kuntrattur li jista' jagħmel dan ix-xogħol. Sadanittant mill-uffiċċju tal-kuntrattur s-segretarja eżekuttiva kkonfermat li kien hemm diversi kominikati sew telefonici u emails u li jidher li l-kuntrattur baqa' joġġezzjona. Daħal il-perit tal-kunsill, u tkellem ukoll mal-kuntrattur, però xorta ma nstabitx soluzzjoni. Il-kuntrattur qed jindika li se jmur għand l-arbitraġġ u għalhekk il-kunsill qed jistenna l-parir ta' l-avukat tal Kunsill. Is-segretarja eżekuttiva qalet li xħin iċċekjat li meta l-kuntrattur jirrifjuta li jagħmel xi xogħol li għandu stipulat fil-kuntratt, dan it-*tender* jaqa' u anki jista' jeħel penali. Il-liġi tgħidlek li l-għotja tat-*tender* imur għat-tieni offerent. Is-sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li għandha ssir forma ta' stqarrija biex jinfurmaw il-pubbliku fuq din il-kwistjoni u kjarifika minn naħa tal-kunsill.

08.3.5 Is-sindku ġie nfurmat illum stess, li waħda mill-istatwi l-antiki li hemm fil-pjazza, straħet fuq l-iscaffoding li hemm madwarhom, u apparentement il-ħadid tgħawweg. Is-segretarja eżekuttiva staqsiet jekk kienx hemm xi ħadd li messhom, bis-sindku jgħid li dan ġara minħabba r-riħ qawwi li ħakem u anki konsegwenza tal-melħ. Is-sindku kompla li qed isir l-intervent fuqhom ta' restawr minn naħa tad-direttorat tar-restawr imma bħalissa inqalgħet xi biċċa xogħol aktar importanti.

08.3.6 Il-kunsillera Cassar Sultana staqsiet fuq it-triq tat-Tempju ta' l-Imramma hiex se jsir asfaltar, bis-sindku qal li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet mal-Ministeru t'Għawdex fuq hekk. Is-sindku fakkar li jekk it-*traffic management* ġdid bir-rotta tat-trasport pubbliku tiġi approvata, bilfors triq titranġa din it-triq imsemmija.

08.3.7 Fuq is-sala ta' l-iskola li l-kunsilliera tkellmu fil-laqgħa preċedenti, is-segretarja eżekuttiva flimkien mas-sindku tkellmu ma' tad-DPF fuq il-possibiltà li jkun hemm *funding* għar-rinnovar ta' din is-sala. Huma għamluha ċara li peress li din is-sala mhiex devoluta lill-kunsill, l-applikazzjoni għandha tiddaħal minn naħa ta' l-*education* jew inkella jsir MOU bejn il-kunsill u l-iskola, li permezz ta' dan il-ftehim il-kunsill se jkun responsabbli mill-applikazzjoni u x-xogħlijiet. Huma ssuġġerew li l-aħjar hi li l-applikazzjoni jsir waħda *joined*

bejn il-kunsill u l-*education* ħalli d-DPF funds jistgħu ikunu mogħtija in *full*. Is-segretarja eżekuttiva rrimarkat li jekk se japplikaw għall-ammont kollu se jitnaqqsu minn fondi li jista' jibbenifika l-kunsill fuq progetti oħra. Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet konċernati u se jaraw kif l-aħjar li jmexxu qal is-sindku.

08.3.8 Marbuta mal-fondi tad-DPF, il-kunsill irid japplika għall-fondi marbuta mal-belvedere tat-triq 28 t'April ma' l-awtorita' tal-GRDA jew ir-reġjun t'Għawdex biex il-kunsill ikun jista' jieħu l-massimu tal-fondi.

## Attivitajiet

## 08.4

08.4.1 Fil-15 ta' Jannar,Il-kunsill kellu laqgħa ma' l-*artistic director* u membri tar-reġjun t'Għawdex, marbuta ma' l-attivitajiet li qed jiġi organiżżati madwar Għawdex marbuta mal-*Region of Culture – Gozo 2025*. Din l-attività se tiġi mtella' fil-pjazzetta tax-Xelina, nhar il-Ħadd tnejn (2) ta' Frar fil-11.30am, fejn se jkun hemm taħdita mis-Sur George Azzopardi, kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż, rigward ir-raħal ta' Sannat. Għal din l-attività, l-*budget* huwa wieħed ristrett ħafna elf ewro (€1000) li jinkludi wkoll *risk assessment* u *insurance* kif indikat fl-imejl li ntbagħtet lill-kunsill. F'każ ta' maltemp, din l-attività se tittella' fil-bar ta' Rożina, u rigward *sound*, il-kunsill se juża l-apparat li għandu l-kunsill, bil-kunsill se jikri s-siġġijiet għal din l-attività. Ta' min ifakkar li ntgħażlet il-pjazzetta tax-Xelina, peress li hija antika u fiha ħafna storja fosthom iż-żjara tar-reġina Eliżabetta, it-treġedja tat-tieni gwerra dinjija, l-iswitch tad-dawl, sqaq, il-gallarija u n-niċċa antika u r-*redifussion*. Il-pjazzetta tax-Xelina se tkun magħluqa għat-traffiku waqt din l-attività.

08.4.2 Il-kunsill ħareġ sejħa għall-atturi biex jieħdu sehem fid-dramm tal-passjoni li ser isir fis-6 t'April. Il-dramm inkiteb minn Mons. Anton Saliba, taħt id-direzzjoni ta' Sunny Scicluna, żewġ persuni mir-raħal ta' Sannat. Is-sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera biex jekk ikunu jafu b'xi atturi, speċjalment irġiel, ikellmuhom biex jersqu l-quddiem. Din is-sejħa se tidher ukoll fuq il-paġna soċjali tal-kunsill.

08.4.3 L-attività tal-karnival se tittella' nhar it-Tnejn tlieta (3) ta' Marzu wara l-quddiesa tas-6.00pm. Is-sindku qal li l-kunsill applika għall-fondi maħruġa mid-DLG marbuta ma' l-attivitajiet tal-karnival. Il-kunsill se jibbenifika minn għotja ta' tlett elef ewro u ħames mija(€3500) minn dan il-fond. Din is-somma trid ukoll tkopri l-ispejjeż tar-*risk assessments*, *insurance* u *traffic management*. Il-kunsill se jipprova jġib fondi oħra li jkun jista' jużahom għal din l-attivitaà. Is-sindku qal li l-kunsill se jaħdem bil-budget li għandhom, u jekk sfortunatament, ma jkunx hemm budget biżżejjed, din

l-attività titħassar. Hemm lista ta’ parteċipanti twila u qed jintalbu somom kbar biex jipparteċipaw.

08.4.4 Jum Sannat se jsir is-Sibt 26 t’April wara l-quddiesa ta’ filgħaxija. u l-kunsill se joħroġ in-nomini għal Ġieħ Sannat u rikonniximent taż-żagħżugħ jew żagħżugħa tas-sena. Is-sindku jixtieq li t-talent lokali fis-Sannat ikun parteċipi f’din l-attività.

08.4.5 *Wine festival* se jsir fit-3 ta’ Mejju fi Pjazza Santa Margerita. Is-sindku se jitla Montefiascone biex jagħżlu l-inbid, u l-kunsillier Bajada se jitla’ mal-kunsill u l-ispejjeż se jitħallsu mill-kunsill.

08.4.6 Il-kunsilliera Cassar Sultana tat deskrizzjoni żgħira fuq it-*Ta’ Sannat Spring Fair* proposta wara diskussjoni li għamlet mas-Sindku, liema attività hija maħsuba għal Ħadd 18 ta’ Mejju. Din il-fiera festa għal-familja kollha ser issir fil-Pjazza ewlenija ta’ Sannat u tinkludi fost l-oħrajn *educational activities*, kompetizzjoni tal-*flower arrangement*, *Pony rides*, *treasure hunt* etċ. Is-segretarja eżekuttiva qal li mportanti li joqogħdu attenti xħin jagħżlu l-ġurija magħżula għall-kompetizzjoni. Il-kunsilliera Cassar Sultana se tibgħat il-BOQ’s lis-segretartja eżekuttiva, fejn dawn se jiġu diskussi flimkien. Il-kunsilliera qablu, li jekk ikun hemm il-fondi biex tittella’ din il-fiera, din għandha jsir. Jistgħu ukoll jistiednu l-għaqdiet tar-raħal.

08.4.7 Is-sindku qal li saritlu talba mis-Sur Pisani, biex ikun jista’ juża s-sala tal-kunsill biex itella’ l-wirja ta’ vari tal-Ġimgħa l-kbira. Dan għall-fatt li l-garaxx fejn jarma din l-esebizzjoni, mhux disponibbli peress li se jħalli l-*Christmas Village* armat billi dan jirrekjedi ħafna xogħol biex jiżżarma u jintrema. Dan il-*Christmas Village* attira ħafna nies lejn Ta’ Sannat biex jaraw din l-attrazzjoni. Il-kunsilliera qablu li din l-esebizzjoni ta’ vari tal-Ġimgħa l-kbira tittella’ fis-sala tal-kunsill u tkun miftuħa għal-pubbliku. Is-sindku qal, li personalment offra biex jiftaħ u jagħlaq il-bieb tal-kunsill u jekk hemm bżonn li jġib *security* m’għandiex tkun problema. Is-segretarja eżekuttiva qalet li għandhom jitkellmu ma’ l-organiżżaturi ta’ attività tal-anzjani u tat-tfal biex jinfurmawhom li għal dan il-perjodu tar-Randan, is-sala se tkun okkupata u ma’ tistax tintuża.

08.5 **Komunikazzjoni**

08.5.1 Is-segretarja eżekuttiva nfurmat lill-kunsilliera li ċ-ċirkularijiet intbagħtu kollha u ġibdet l-attenzjoni fuq komunikazzjoni mportanti u li l-kunsilliera iridu jikkonfermaw jekk se jmorru jew le.

08.5.2 Kien hemm incident li kien jinvolvi l-van tal-kunsill li kien ipparkjat barra l-uffiċini tal-kunsill, wara ħabta li saret bejn żewġ karozzi. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill fetaħ il-*claim* u li l- vann huwa *insured 'fully comprehensive'*. Is-segretarja eżekuttiva rrimarkat li kieku l-vann kien miġbur gol-garaxx tal-kunsill ma kienx isir dan l-inċident, anki għall-fatt li issa hemm wisgħa fejn jidħol. Is-segretarja eżekuttiva qalet li se tagħti struzzjonijiet biex il-vann jibda jiddaħħal ġol-garaxx. Is-sindku se jtella l-vann Malta biex jingħata *service* lill-van u trid titranġa l-mera.

08.5.3 Is-segretarja eżekuttiva semmiet li fejn ir-*roundabou*t tad-daħla ta' Sannat hemm xi bozza nieqsa peress li l-kuntrattur ma kienx għadda l-*wires* meħtieġa. Is-sindku qal, li ġibed l-attenzjoni kemm il-darba lill-kuntrattur, fejn anki taħ ir-ritratti jindikaw fejn huma l-katusi li għaddej il-*wires* minnhom. Is-segretarja eżekuttiva qalet li se terġa tkellem lill-kuntrattur biex ix-xogħol isir.

08.5.4 Il-viċi sindku semma li hemm tappiera fit-Triq li tinfed ghal Sannat mir-Rabat li qed tinqala' u tkun ta' periklu. Is-sindku qal, li dik mhix reponsabbiltà tal-kunsill, imma parti mill-proġett li se jwassal sa nofs il-qasam ta' Sannat, liema *tender* li mhux tal_Kunsill ta' Sannat, tax-xogħlijiet inħareġ u ġie aġġudikat. Għalhekk, il-kunsill qed jistenna li jibda x-xogħlijiet relatati. Il-viċi sindku semma wkoll biex isiru aktar bozoz, però is-sindku reġa fakkar li dik taqa' taħt ir-responsabiltà tal-kunsill Lokali tax-Xewkija. Il-kunsill għamel laqgħa mal-kunsill tax-Xewkija b'din l-*issue* u li hemm periklu, li minn naħa tagħhom se jaraw għandhomx *budget* biżżejjed. Is-sindku qal, li waqt laqgħa tar-reġjun t'Għawdex, issuġerixxa li konfini li jaqgħu bejn kunsill u ieħor, għandu jkun ir-reġjun li jidħol biex isiru bozoz ġodda. Li jista' jsir ukoll li d-dipartiment tad-DLG iżid l-allokazzjoni lill-kunsill tax-Xewkija biex ikollu l-fondi meħtieġa biex isiru l-bozoz. Il-kunsilliera jridu jfehmu lir-residenti li fuq din il-kwistjoni ma jistgħu jagħmlu xejn għax hemm kollox stipulat bil-liġi. Iż-żbir tas-siġar fi Triq Sannat (il-qasam) ġew miżbura minn ħaddiema fi ħdan il-ministeru għal Għawdex, u hekk ingħata iktar dawl lit-triq.

08.5.5 Il-kunsill għamel il-*claims* marbuta mal-proġett tal-pjazza biex dawn jintbagħtu lill-Ministeru għal Għawdex għal-pagamenti.  Claim numru disgħa (9) tinkludi l-ħadid tal-*parking bays* tal-pjazza u l-arbuxelli u l-fjuri ta' meta saret l-inawgurazzjoni. Il-kunsilliera qablu unanimament li jagħmlu din il-*claim*. Is-sindku ccara li il-kunsill rċieva *invoices* tas-servizz tal-perit Scerri, eżattament li hemm fi *claim* 8 li kienet diga' giet approvata precedentement imma li l-MInisteru kien qed jitlob kjarifika li din il claim kienet kollha ghal ammont ta fuq eur20,000 biex jithallas il-perit Scerri a bazi tal-invoices imwahhla ma' din il-claim li l-kunsilliera qablu li kollha kienu raw u approvaw; , il-kunsilliera qablu unanimament li għandhom jiġu mħallsa. Kontijiet tal-*project manager* minn Jannar '24 u Ġunju '24  għal xi raġuni ma ġewx inklużi fil-claim mill-project manager stess. Il-kunsillier Bajada staqsa fuq iż-żebgħa taz-*zebra crossing*, bis-segretarja eżekuttiva qalet li din qiegħda fil-proċess biex din iz-*zebra crossing* issir u s-sindku kkonerma li qed jistenna kjarifika rigward li z zebgha ma tizloqx.

08.5.6

Il-kunsill irċieva komunikazzjoni minn naħa tar-reġjun t'Għawdex, jekk il-kunsill ta' Sannat iridx jagħmel *objection* fuq il-proġett ta' Chambray. Is-sindku qal, li personalment dan il-proġett propost ma jaqax fil-lokalità ta' Sannat u għalhekk huwa tal-fehma, li bħala kunsill m'għandhomx jieħdu pożizzjoni rigward dan il-proġett. Is-sindku semma li ftit snin ilu, fl-2009, il-kunsill ta' Sannat ma' kellux appoġġ minn kunsilli oħra rigward il-konservazzjoni ta' barumbara antika fi Triq Skerla. Il-kunsilliera qablu li għandhom ikellmu lill-perit tal-kunsill biex jagħti iktar informazzjoni fuq dan il-proġett propost f'Chambray u jekk hemm bżonn jistiednu lis-sur Daniel Cilia f'isem NGO Wirt Għawdex biex jagħti l-verzjoni ta' din l-NGO rigward dan il-proġett marbut mal-barrakka ta' Chambray.

08.5.7

Illum kien hemm incident żgħir marbut ma' permess fi Triq Paranji. Persuna applika 48 siegħa qabel ħabba permess biex ikun jista' juża *lifter*, però l-pagament ta' dan il-permess ħallsu wara u għalhekk ma setgħux jitpoġġew tabelli tat-*towing* biex ma jipparkjawx karozzi. Din il-persuna ċemplet lill-kunsill, però' irreferewh għal għand il-LESA. Minn naħa tagħhom, il-LESA ma tista' tagħmel xejn u anki ċemplu Malta, fejn irreferew għal-liġi li din hija responsabiltà ta' l-individwu li jrid iħallas 48 siegħa biex ikun hemm it-tabelli tat-*towing*. Is-sindku saqsa jekk is-servizz jistax jitħallas online, fejn is-segretarja eżekuttiva ikkonfermat li dan jista' jsir.

08.5.8 Is-segretarja eżekuttiva għamlet referenza li skont il-kalkoli li qed tagħmel fuq il-proġett tal-pjazza, hemm differenza ta' 1.8 miljun ewro li għadu mhux *claimed* mill-ammont approvat fuq dan il-proġett. Il-kunsilliera qablu li għandha isir laqgħa fejn ikun mistieden il-*project manager*, kif ukoll is-sindku bħala *project leader* biex jiddiskuti dawn l-estimi finanzjarji marbuta ma' dan il-proġett. Is-segretarja eżekuttiva qalet li bħala kunsill ma jidhirx li qiegħed minn taħt, avolja l-*accountant* tal-kunsill ftit jiem qabel qalet li l-kunsill qiegħed minn taħt, għax il-kunsill kollha jkunu bid-*deficit*. Il-kunsill se jibgħat id-dokumentazzjoni kollha lill-*accountant* biex dawn jiġu verifikati minn naħa tagħha.

08.5.9 Il-kunsill irċieva osservazzjoni mingħand persuni li s-siġra ta' l-Awrikarja li hemm fil-pjazza ta' Sannat, qeda tmur lura, kif ukoll ħafna mill-arbuxelli fi Triq il-Kbira kważi mietu wkoll. Is-segretarja eżekuttiva qalet li talbet parir mingħand esperti fil-qasam, u kollha qed jaħsbu li dan hu fattur ta' l-ilma tat-tisqija li qed ikun mielaħ. Il-botanista li hemm fil-pjazza rrikomanda li jingħata tip ta' fertilizant lis-siġra ta' l-Awrikarja. Il-botanista fir-rapport li għamel kiteb li waqt li kien qed isir il-proġett, inqatgħu xi għeruq. Is-sindku qal li dan huwa żbaljat li inqatgħu xi għeruq, għax il-kuntrattur qagħad ħafna attent waqt li kien qed jagħmel il-culvert quddiem is-siġra u s-sindku qal li ma kienx hemm għeruq in-naħa ta' quddiem kif hemm evidenza ta' ritratti. L-għeruq kollha qeghdin in-naħa ta' wara tas-siġra fejn hemm il-bankina, li

ma tmessitx. Skond il-kalkoli li għamlet is-segretarja eżekuttiva, l-ispiża tal-kunsill s'issa marbuta mat-tisqija ta' siġar/pjanti u anki għall-fatt li l-ammont ta' tisqija li qed isir ma jistax jiġi vverifikat għax jiġi filgħodu kmieni u anki saru xi lmenti minn xi resident li mhux qed issir tisqija. Il-kuntrattur ġie mitlub iġib ċertifikat tal-PH ta' l-ilma li qed jintuża, però, s'issa dan għadu ma wasalx. Is-segretarja ġabret kwotazzjonijiet li barra t-tisqija tieħu ħsieb ukoll il-manteniment tas-siġar u pjanti u anki użu ta' fertiliżżant fejn meħtieġ. Barra minn hekk, jiehdu ħsieb id-dokumentazzjoni u l-applikazzjoni biex ikunu jistgħu jinżabru siġar protetti u anki konsegwentement iż-żabra ta' dawn is-siġar. Is-segretarja eżekuttiva qalet li xħin ikkomparat il-prezzijiet ta' kemm qed iħallsu bħalissa għat-tisqija tas-siġar u pjanti u l-kwotazzjonijiet il-godda, il-kunsill se jkun qed iħallas inqas, kif ukoll kif irrikomanda il-botanista se jkun jingħata aktar manutenzjoni tas-siġar u pjanti. Il-kunsilliera qablu li għandhom jibdlu il-kuntrattur u jużaw is-servizzi ta' kuntrattur gdid skond kif raw u ddecidew fil-laqgħa. Is-sindku saqsa fuq l-arbuxelli ta' fuq il-ġibjun, fejn is-segretarja eżekuttiva kkonfermat li jridu jinbidlu għax kwazi kollha mietu.

08.5.10 Il-kunsilliera kienu talbu *update* fil-laqgħa preċedenti fuq id-*disabled parking* li hemm fi Triq il-Kbira. Il-pulizija kkonfermaw in-*number plate* u anki li din il-karozza b'dan in-*number plate* ġiet *scrapped*. Il-persuna li għandu il-*blue permit*, bħalissa qigħed ġo dar tax-xjuħ u għalhekk se jitneħħa r-reserved parking u jiġi 'communal' fuq *first come first served.* Il-kunsill talab ir-*refreshing* ta' żewġ *parking bays*. Il-kunsilliera Cassar Sultana staqsiet kemm idum biex joħroġ ir-*reserved parking* marbut mal-*blue permit*, bit-tweġiba tkun li dan huwa fil-kompitu ta' *Transport Malta*. Il-kunsill jagħmel biss in-*no objection*, fejn jaħseb li hemm talba ċara.

Is-segretarja eżekuttiva għamlet referenza ta' kont pendenti, lil *Xerri's* , relatat mar-
08.5.11 rilokazzjoni tas-siġar mill-pjazza għad-daħla ta' Ċnus. Dan il-kont ġie mnaqqas minnu minħabba li bi żball wieħed mill-ħaddiema ta' *Xerri's*, qala' siġra ta' l-*oleander* li ma' kellhiex tinqala' u b'xi mod reġgħu ħawluha. Il-botanista dak il-ħin ma' kienx fuq il-post, u xħin kellmitu s-segretarja eżekuttiva permezz ta' imejl qalilha li hu qalilhom liema siġar kellhom jinqalgħu. Is-sindku kkonferma li din is-siġra qed tmut u anki s-segretarja eżekuttiva qalet li x'aktarx xħin kienu qed jiġbdu s-sigra qasmulha minn fejn jgħaddu l-vini tas-siġra. Il-kumpanija *Xerri's* qed jissuġerixxu li jekk sa tlett xhur oħra din is-siġra ma' terġax tieħu r-ruħ, dan jibdilha għas-spejjez tiegħu. Is-segretarja eżekuttiva talbitu dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata mid-diretturi li din is-siġra tiġi *tale quale* bħas-siġar l-oħra. Però l-i*statement* mibgħut huwa biss sentenza, però s-segretarja eżekuttiva m'aċċettatux u sakemm ikun hemm din id-dikjarazzjoni il-pagament mhux se joħroġ. Il-kunsilliera qablu unanimament.

Is-segretarja eżekuttiva għamlet referenza għall-artiklu miktub minn *Shift News*,
08.5.12 rigward passaġġ ta' Seguna, liema artiklu kkwota ħażin lis-sindku Vella hekk kif iddikkjara hu stess. F'dan l-artikllu ġie allegat li s-sindku Vella kellem lic-CEO ta'

*Lands Authority*, xi ħaġa li s-sindku ċaħad kategorikament. Il-kunsill li għamel hu li bagħat korrispondenza lill-awtorità ta' l-artijiet u lil Planning Authority, l-awtorità kompetenti li jirregolaw f'dawn il-każijiet. Is-sindku se jeżerċita d-dritt ta' *right of reply*, biex tali artiklu jiġi kkoreġut għall-fini ta' korrettezza.

08.5.13 Fil-laqgħa preċedenti kien maqbul bejn il-kunsilliera li għandu jiġġedded il-kuntratt ta' l-*animal steward*, dejjem jekk id-dipartiment tad-DLG japprovaw il- fondi. Is-segretarja eżekuttiva qalet li dawn il-fondi ġew approvati xħin jiffirmaw il-kuntratt. Skond il-*workings* li għamlet is-segretarja eżekuttiva tal-kuntratti preċedenti *vis a vis* l-payslips hell kif mahruga mill-*accountant*, jirriżulta li fl-2023 kien qed jitħallas in-nieqes, però fl-2024 kien qed jitħallas iż-żejjed. Mid-dipartiment ikkonfermaw li huma jagħtu biss *refund* skond il-kuntratt, issa jekk jirriżulta li l-kunsill taħ iż-żejjed, il-kunsill mar minn taħt. Is-segretarja eżekuttiva qalet li b'sens ta' korretezza din is-sena jagħtuh l-ammonti skond kif hemm bzonnnbiex jibbillancjaw l-ammonti zbaljati li nhargu mill-accountant fuq payslips, ħalli l-kunsill jirkupra t-telf tas-sena l-oħra, jekk taw inqas ikollhom ituh id-differenza. Dawn id-dokumenti ntbagħtu lill-*accountant* għall-verifika minn naħa tagħha, però s'issa għandha ma' kellmithiex lura.

08.5.14 Il-permess marbut mal-*pumping station* wasal biex jiskadi, u l-kunsill kellmu lill-perit biex ikun jista' jerġa jagħmel *renewal* tal-permess.

08.5.15 Il-kunsill ġie avviċinat minn grupp bl-isem *Gozo GoGo Gang*, biex ikun jista' jagħmel sessjonijiet immirati għat-tfal fi Ġnien il-Bidwi. Il-kunsilliera qablu illi dan il-grupp irid jintalab biex jagħmel permess mil-kunsill, billi dan il-grupp se jagħmel din l-attività bi ħlas.

08.5.16 Is-segretarja eżekuttiva fakkret lill-kunsilliera b'imail li ntbagħtet rigward konferenza li se ssir fis-27 ta' Jannar. Il-viċi sindku enfasizza mas-sindku biex jagħmel enfazi biex xi ħadd mill-kunsilliera jattendi. Ġie kkonfermat li għal dawn iż-żewġ konferenzi se jattendi l-viċi sindku u se jikkorispondi mas-segretarja eżekuttiva.

08.5.17 Il-gallettini li ġew irregalati lill-anzjani fi żmien il-Milied, ġew is-somma ta 2,100 ewro, u fil-kunsill baqa' sebgħa kaxxi minn dawn il-gallettini li se jingħataw lura lis-supplier.

08.5.18 Ir-reġjun t'Għawdex applika biex ir-Rabat ikun ic-*City of Culture 2031*. Għal dan l-għan ir-reġjun saqsa lill-kunsill fuq l-*events* li jiġu organizzati mill-kunsill, min jattendi għal dawn it-tip t' attivitajiet, parteċipazzjoni minn turisti jew immigrant f' dawn l-attivitajiet u kif qed jintegraw fil-kommunit, u jekk il-kunsill hax sehem f'konferenzi jew programmi barra minn Malta. Is-segretarja eżekuttiva bagħtet din

l-informazzjoni mitluba, però s'issa ma kienx hemm rispons minn naħa tar-reġjun.Is-segretarja eżekuttiva talbet lis-sindku li waqt il-laqgħa tar-reġjun, jitlob iktar informazzjoni fuq dawn l-attivitajiet marbuta. Ir-reġjun t'Għawdex staqsa wkoll jekk il-kunsill qattx organizza xi ħaġa għal Għawdxin li jgħixu barra l-gżira. Il-kunsill wieġeb li qatt ma għamel attivitajiet u s-segretarja eżekuttiva rrimarkat li ta' min bħala kunsill jibdew jaħsbu f'attivitajiet immirati għal dawn in-nies.

08.5.19 Il-YMCA talbu lill-kunsill biex fi Frar jgħinu fil-kollezzjoni ta' affarijiet materjali biex ikunu jistgħu jitqassmu lill dawk in-nies li m'għandhomx saqaf taħt rashom. Din l-NGO bagħtet lista ta' affarijiet li jistgħu jinġabru, u l-kunsilliera qablu li jsir avviż fuq il-paġna soċjali tal-kunsill u anki nota fuq in-*notice board* li hemm barra l-bini tal-kunsill. Ser ssir kaxxa taħt it-taraġ fil-binja tal-kunsill, biex dawn l-affarijiet miġbura jitpoġġew ġo fiha.

08.5.20 Is-segretarja eżekuttiva poġġiet għad-disposizzjoni r-rendikont tal-ħarġiet li saru għall-anzjani minn Jannar 2024, rigward trasport, xorb u ikel. Is-sindku qal li għandu jirċievi l-irċevuti marbuta maż-żjara tal-President fid-disgħa (9) ta' Diċembru. Semmiet ukoll flus marbuta mal-lotteriji, li l-kunsill m'għandux rendikont fuq dawn it-tombli, lotteriji u anki li jrid ikun hemm il-permessi meħtieġa mal-*Games Authority*. Imma l-istaff tal-ufficju amministrattiv tal-Kunsill ma jkunx involut f'din l-attivita' ghax jiehu hsiebha pjenaament is-sindku li qal li dawn ir-rendikonti se jiehu hsieb li jiġu miġbura.

08.5.21 Il-BOV kienu talbu biex isir *reserved parking* quddiem l-ATM, minħabba s-*security vehicle*. Il-kunsill talab lit-*Transport Malta*, u wara ftit battibekki dan ġie approvat Il-kunsilliera Cassar Sultana rrimarkat li *Transport Malta* għall-bank irranġaw mil-ewwel u għall-mara anzjana li għandha bżonn urġenti għal-permess, dan għadu ma sarx rigward il-*blue badge*. Is-sindku rrimarka li dawn il-permessi joħorġu mit-*Transport Malta* fi ħdan l-uffiċċini ta' Malta u r-regolamenti maħruġa marbuta mal-banek, il-kunsill m'għandux triq oħra biex jimxi mar-regolamenti.

08.5.22 Fuq ir-rotta tat-Trasport Pubbliku proposta f'xi laqgħat preċedenti, is-segretarja eżekuttiva talbet *feedback* mingħand *Transport Malta*. S'issa ma kienx hemm konferma jew le, u s-segretarja eżekuttiva qalet li se taġġorna lill-kunsilliera malli jkollha risposta. Is-sindku qal li wara li jkollhom xi tip ta' *feedback*, isir *public consultation* mal-pubbliku fuq din il-proposta.

08.5.23 Minn naħa ta' l-iskola se jagħmlu bħal kull sena ic-*Celebration Day*, u qed jagħmlu talba lill-kunsill għal donazzjoni marbuta mal-kotba. Il-kunsillier qablu li l-kunsill se jagħti donazzjoni ta' mitt ewro (€100).

08.5.24 Kien hemm direttivi li biex tingħata l-vaċċin ta' l-influwenza jrid ikun hawn tabib u ners fil-post. Minn naħa tan-ners ma kienx hemm renumerazzjoni, però t-tabib talab tlett mitt ewro (€300) ħlas għas-servizz li ta. Il-kunsill naturalment se jħallas din is-somma mitluba imma l-kunsilliera kollha rrimarkaw li dan il-kont gie gholi.

08.5.25 Is-segretarja eżekuttiva rrimarkat l-kumment li għamlet il-kunsilliera Cassar Sultana fuq il-mezzi soċjali, liema kumment kien hemm referenza għalih f'artiklu fuq gazzetta lokali. Il-ġurnalist talab kummenti b'reazzjoni ta' kumment li tefgħet il-kunsilliera Cassar Sultana. Kien hemm talba lil-kunsill sabiex jieħu azzjoni fuq dan il-kumment, bis-segretarja eżekuttiva titlob parir lid-direttur ġenerali, bir-risposta tkun li bħala kunsill ma hemmx ghalfejn tittiehed azzjoni fil-konfront tal-kunsilliera peress li huma *politically appointed persons*. Is-sindku qal li ċempillu ġurnalist fuq dan il-kumment, fejn is-sindku stqar li kien għadu ma kienx konnoxxenti ta' dan il-kumment li nkiteb. Is-sindku enfasiżża li kulħadd huwa liberu li jkollu opinjoni tiegħu, però l-ġurnalist insista x'inhi l-pożizzjoni tal-kunsill. Is-sindku qal li din il-materja qatt ma kienet diskussa jew fl-aġenda tal-kunsill, allura ma jistax jagħti l-opinjoni tal-kunsill f'dan ir-rigward. Is-sindku kompla billi qal il-kunsilliera jaħdmu tajjeb ma' xulxin, u personalment avolja la hu kaċċatur jew nassab, huwa favur it-tradizzjonjiet Maltin. Jekk nassab għamel xi ħaġa illegali, is-sindku qal li huwa kontra kull illegalità kif fil-fatt jikkundanna jekk xi *ranger* jagħmel affarijiet illegali. F'dan ir-rigward, is-sindku enfasiżża lill-kunsilliera biex ikunu iktar responsabbli fuq kummenti li jistgħu jgħaddu fuq il-meżżi soċjali u huma biss opinjonijiet personali. Il-segretarja eżekuttiva qablet mas-sindku biex jekk xi *media house* ikellimhom, jgħidu dejjem li din hija l-opinjoni personali tagħhom.

08.5.26 *Connected Care Ltd.* jixtiequ jagħmlu laqgħa fis-sala tal-kunsill biex jagħtu informazzjoni rigward is-servizzi li joffru lill-anzjani. Il-kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li din isir waqt l-attività li jorganiżża l-kunsill għall-anzjani. Proposta li l-kunsilliera l-oħra qablu magħha.

08.5.27 Il-bank talab iktar informazjoni għaliex fil-kont bankarju kienu qed jgħaddu ammonti kbar ta' flus u konsegwentement nqabeż il-limitu. Is-segretarja eżekuttiva wieġbet li dawn l-ammonti kbar ta' flus huma relatati, parti sewwa minnhom fuq il-proġett tal-pjazza.

08.5.28 Ġew iċċarġjati il-batteriji tat-tliet *ebikes*, li tnejn minnhom żammew iċ-*charge*. L-individwu interessat, baqa' juri x-xewqa li jieħu waħda minnhom bħala kera kif hemm qbil mir-reġjun t'Ghawdex mal-Kunsilli Lokali. Però, Il-kuntratt fih klawsola li biex jieħduha jrid isir l-*insurance* u l-ebda *insurance* ma tkopri żgħażagħ taħt it-tmintax-il sena. Minn naħa tar-regjun dawn aċċettaw li jekk jaqblu l-kunsilliera, jagħmlu kuntratt mingħajr din il-klawsola. Il-kunsilliera qablu basta' l-ġenituri jaqblu li huma responsabbli u jiffirmaw il-kuntratt.

08.5.29 Minn naħa tal-perit tal-kunsill, kien hemm xi *issue* ma' l-awtorità tal-artijiet fi Triq Skerla, kantuniera ma' Triq Palinja. Il-linja inqatgħet, però s-sidien ta' l-għalqa xtaqu li din tinqata' bi dritt. Il-perit tal-kunsill qed jikkorispondi mal-perit ta' l-awtorità ta' l-artijiet, fejn s'issa ma kien hemm l-ebda deċiżjoni finali.

08.5.30 Ir-*railings* fil-ġenb taz-zuntier saru, kif wieħed jista' jara.

08.5.31 Fuq il-proġett tal-każin tal-banda, il-kunsill qed jagħlaq il-*claims* kemm ma' L-ARPA u d-dipartimenti tal-gvern biex ikunu jistgħu jgħaddu l-flus u hekk jitħallsu l-ispejjeż involuti. Kif imsemmi, il-kunsill kien talab estensjoni tal-proġett sa' l-aħħar ta' Marzu.

08.5.32 Is-segretarja eżekuttiva għamlet referenza għal ilment li kien daħal il-kunsill fuq il-bankijiet u xi dgħajjes fit-triq. Id-dgħajjes ġew imneħħija wara laqgħa li saret ma' l-ispettur. Il-bankijiet se jinżebħu mill-ħaddiema tal-kunsill, iż-żebgħa inxtrat, però dan l-ħaddiem għadu ma' żebgħahomx.

08.5.33 It-*toilet* fi Ġnien Il-Bidwi inqalgħu bil-għajnuna tal-ħaddiema, u se jiġu xkatlati u jinżebħu b'żebgħa apposta billi qegħdin fl-għalqa.

08.5.34 *Malta Trust Foundation* kienu ssuġġerew li l-kunsill ikun ic-*Children's Council*, però dawn ma' jkunux jaqgħu taħt il-kunsill lokali imma taħt ir-responsabiltà ta' din il-fondazzjoni. Il-foundation ħarġu sejħa lit-tfal u xi adulti biex ikunu f'dan ic-*Children's Council*, liema sejħa qiegħda fuq il-paġna soċjali tal-kunsill. Dawn is-suġġerimennti tat-tfal, se jgħaddu lill-kunsill jew xi entitajiet oħra relatati. Is-segretarja eżekuttiva bagħtet ukoll lill-kunsillieri, xi taħriġ li se jsir lill-kunsilliera rigward din l-inizzjattiva ġdida.

08.5.35 Il-kunsill kien rċieva lment fuq kif għandha tissejjaħ il-parti tar-raħal Seguna jew Saguna. Is-sindku kkonferma li qed jiċċekja ma' dipartiment ta' l-ismijiet tat-toroq fuq din l-*issue*.

08.5.36 Iċ-cirkularijiet u l-permessi applikati ma' l-awtorità ta' l-ippjanar ġew mibgħuta lill-kunsilliera.

## 08.6 Ilmenti u Suġġerimenti

Resident talab biex ikomplu jsiru l-bankini fi Triq Paranji, bil-kunsill jinforma li dan l-individwu, li xħin titkompla isir l-asfaltar tat-triq, isiru magħhom il-bankini. Din it-talba inbagħtet lill-Ministeru għal Għawdex permezz tas-sistema tagħhom.

08.6.1

Is-segretarja eżekuttiva nfurmat lill-viċi sindku li l-ilment li ressaq fil-laqgħa preċedenti. Is-segretarja eżekuttiva ċemplet lil dan is-sid, fejn talabha in-numru tal-vettura u kkonferma li hi tiegħu u se jara l-filmat.

08.6.2

Resident talab li ssir mera xħin toħroġ mit-Triq 20 ta' Lulju, bis-segretarja eżekuttiva twieġeb li dawn il-mirja mitluba saru ġimgħat ilu.

08.6.3

Individwu ressaq ilment fuq *wires* li hemm imdendlin l-isfel minn residenza fi Triq Xamgħan. Il-kunsill qed jitkellem mal-korporazzjoni Enemalta.

08.6.4

Kien hemm talba mingħand persuna biex isir *patching* fi Triq il-Kbira, liema talba saret bis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex.

08.6.5

Resident talab biex tiġi rranġata bankina quddiem ir-residenza tiegħu, liema talba ntbagħtet permezz tas-sistema.

08.6.6

Saret talba biex tinżabar is-siġra fi Triq il-Kbira, bil-kunsill japplika għall-permess ma' L-ERA.

08.6.7

Daħlu lmenti fuq Triq Xamgħan rigward ħofor, li mtlew bl-ilma tax-xita.

08.6.8 Skola partikulari talbet lill-kunsill biex ikun hawn magna tal-BCRS. Il-kunsill wieġeb li din hija prerogattiva tal-kumpanija li għandha *arrangement mal-Gvern centrali.*

08.6.9

Fi Triq il-Gruwa daħal ilment fuq xi ħofor biex jiġu *patched*, liema talba ntbagħtet fuq is-sistema tal-Ministeru.

08.6.10

Il-kunsillier Bajada qal li t-tabella fi Triq il-Gruwa li tagħti għal Triq il-Lewż għadha ma saritx. Is-segretarja eżekuttiva qalet li din saret, però xħin ġabuha l-kunsill, xi ħadd pogga fuqha u qasamha, u għalhekk ġiet ordnata oħra.

08.6.11

Daħal ilment fuq mera li qegħda fi Triq il-Gruwa li qiegħda mgħawġa.

08.6.12 Il-kunsilliera Cassar Sultana daħlet ilment fuq konkos li tkisser fi Mġarr ix-Xini.

Daħlet talba biex isir *patching* fi Triq Marziena u xi rimi ta' skart illegali, liema
08.6.13 talba diġa ħadu ħsiebha l-kunsill.

08.6.14

Daħal rapport li xi qtates qed iqattgħu il-boroż taż-żibel u talbu li jsir arblu bil-*hooks*. Is-segretarja eżekuttiva saħqet li dawn l-arbli ma jsirux minn naħa tal-kunsill. Meta darba il-kunsill għamel arblu bil-*hooks*, inqalgħu battibekki għax dan sar fuq art li l-kunsill m'għandux jedd fuqha. Fuq din it-talba, peress li hemm
08.6.15 blokka flats, iridu jitolbu lill-amministratur tal-blokka biex jagħmel l-arblu bil-*hooks*.

16.50 il-kunsilliera Galea ħarġet mill-laqgħa.

Intalbet l-għajnuna tal-kunsill biex ikellem lill-*community police* fuq xi storbju li
08.6.16 qed isir mill-ġirien tiegħu.

08.6.17 Is-sindku qal li trid issir mera minn Triq Gerxija int u ħiereġ għal Triq Bardan.

16.52 il-kunsilliera Galea terġa' tidħol il-laqgħa.

08.6.18

08.6.19

**Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 11 /2025**

08.7

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. /2025 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Francis Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-*Internet Banking*. Din l-iskeda ġiet ipproponuta
08.7.1 mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-Kunsillier Bajada . L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss**

08.8 Il-laqgħa ntemmet fil-5.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Frar , fis-6.00 pm

08.8.1 Konfermati, illum _____ta' __________________ 2025

Philip Vella
Sindku

Marie Josette Vella Magro
Segretarja eżekuttiva